MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**DEMICOLI AUDREY**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 668/2002/1

**Avviz Numru 668/02 AJD**
**Nazzareno Abela**

**vs**

**Saviour Desira**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-21 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' hames mitt lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm500.65) rappresentanti danni li sofra l-attur meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru JAT 105 fis-17 ta' Novembru 2001 gewwa z-Zejtun, habat mal-vettura DAA 606 propjeta' tal-attur u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa unikament responsabbli ghalih il-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjes, (inkluzi dak tal-parir Lm15.00) u tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Jannar 2002 kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbieet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u dan stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx bhala rizzultat tat-traskuragni tal-konvenut izda unikament minhabba traskuragni u negligenza da parti tal-attur.
Salv eccezzjonijieet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' PS 1429 Eric Mangion, tal-attur Nazzareno abela, ta' Gaetano Fenech, tal-konvenut Saviour Desira u ta' Charles Debono.

Ra d-digriet tieghu tas-17 ta' Settembru 2002 fejn giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens illi l-ammont mitlub gie mibdul minn Lm500.65 ghal Lm553.55.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta' Novembru 2001 fi Triq il-Qadi, Zejtun bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAA 606 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAT 105 misjuqa mill-konvenut.

Illi l-attur xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed jipprocedi fi Triq il-Qadi, gej mid-direzzjoni ta' Triq Bugharbiel u sejjer lejn Triq Falkunier u li malli wasal hamsin pied il-boghod mill-kantuniera ta' din it-triq, harget il-vettura tal-konvenut bir-reverse minn driveway. Din il-vettura kienet hierga skontrata u dahlet fil-genb tal-vettura tal-attur,, precizamen tfil-bieba tax-xellug u fil-'bumper' ta' quddiem. L-attur jghid li huwa prova jiskapula l-vettura tal-konvenut izda inutilment. Wara l-impatt huwa mexa' ftit il-quddiem u pparkeggja l-vettura teghu kif indikata fl-iskizz. Huwa jghid li ra l-vettura tal-konvenut biss ftit sekondi

qabel l-impatt u raha tiieversja. In kontro-ezami l-attur cahad kategorikament li l-vettura tal-konvenut setghet kienet parkeggjata mal-genb tat-triq. Gaetano Fenech kien qed jipprocedi wara l-attur u kkorobora l-verzjoni tal-attur.

Illi l-konvenut min-naha l-ohra xehed li dakinhar tal-incident huwa kien hareg il-vettura tieghu mill-garaxx tieghu ma genb id-dar u pparkeggjaha quddiem id-dar. Waqt li kien hekk ipparkeggjat gew zewg vannijiet minn warajh, l-ewwewl wiehed ghadda minn ma’ genb il-vettura tieghu filwaqt li t-tieni wiehed baqa’ diehel fil-fanal ta’ wara tal-vettura tal-konvenut. Bid-daqqa l-vettura tal-konvenut baqghet tiela’ fuq il-bankina u spiccat fil-‘front garden’ tad-dar ta’ ma genb dik tal-konvenut. Il-konvenut cahad li huwa hareg mill-garaxx indikat mill-attur stante li dan il-garaxx ma jappartjeniex lilu izda lil terzi. Charles Debono prodott mill-konvenut xehed li huwa kien qed isewwi serratura fil-bieb tal-gallarija tad-dar tal-konvenut u li kien ra lill-istess konvenut johrog il-vetturaa mill-garaxx bil-quddiem u jipparkeggjaha quddiem il-bieb u metaaaa kienet ilha parkeggjata biss ftit sekondi dan ix-xhud jghid li sema’ daqqa u ra l-vann tal-attur jahbat fil-vettura tal-attur u jibqa’ miexi tul ta’ tlett karozzi minn fejn sehh l-impatt. Dan ix-xhud qal ukoll li waqqt li kien fil-gallarija kienra zewg vannijieet ghaddejjin wiehed qabel l-iehor, bil-vann tal-marka KIA ghaddej l-ewwel.

Illi t-Tribunal jghid mill-ewwel li jirritjeni li x-xhieda ta’ Charles Debono ghall kollox inveritjiera, mhux biss mnhaba l-fatt li huwa ma giex indikat bhala xhud fir-Road Accident Report imma anki ghaliex huwa mpossibbli li huwa ra dak kollu li gara f’daqshekk dettall jekk kien daru lejn it-triq qed jaghmel xoghol fis-serratura.

Illi t-Tribunal jirritjeni wkoll li l-verzjoni moghtija mill-attur hija ferm aktar kredibbli mhux biss ghaliex korroborata minn Gaetano Fenech imma anki ghaliex il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut kif indikata fl-iskizz u l-hsara fiz-zewg vetturi tindika li effettivament il-konvenut kienn qed jirriversja meta laqat il-vettura tal-attur. Jekk wiehed jaqra l-verzjoni moghtija mill-konvenut ‘a tempo vergine’ hekk kif

riportata fir-rapport tal-Pulizija wiehed jinnota li dan kien qal lis-surgent li kien qed jirriversja izda kien wieqaf fil-mument tal-impatt. A tempo vergine jidher li fl-ebda mument ma indika li kien parkeggjat kif sostna fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal. Inoltre mir-Road Accident Report jirrizulta wkoll li l-konvenut accetta li jaghmel tajjeb ghall-hsara kagunata fil-'front garden' ta' terzi u li effettivament huwa ghamel tajjeb ghal din il-hsara. Jekk huwa veramwnt deherlu li ma kienx responsabbli ghall-akkadut certament ma kienx jaghmel tajjeb ghal hsara kawzata lil terzi. L-attur rnexxielu jipprova fuq bilanc ta' probabilitajiet li l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament tort tal-konvenut li ghamel manuvra ta' 'reverse' minghajr ma ezercita l-kawtela necessarja biex b'hekk imblokka l-karreggjata tal-attur li kien qed jipprocedi regolarment fil-karreggjata tieghu.

Illi l-quantum tad-danni reklamati mill-attur ma giex kontestat mill-konvenut u inoltre gew esebiti l-ircevuti relattivi in sostenn tat-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijieet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tlieta u hamsin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm553.55), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi. Dawn l-ispejjes ma jinkludux il-hmistax il-lira Maltin (Lm15.00) ghall-konsult mitluba mill-attur.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**